MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Numru 783/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Joseph Schembri**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Joseph Schembri ta' 43 sena bin Anthony u Antonia nee' Cassar, imwieled il-Pieta' fit-23 ta' Gunju 1960 u residenti fil-fond imsejjah 'La Pergola', Triq Tal-Barrani, Hal-Tarxien u detentur tal-karta tal-identita' numru 0435060(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

A. Nhar il-21 ta' Settembru, 2003, ghall-habta ta' l-4.00 ta' filghodu ikkawza hsara volontarja fil-propjeta' St. Rita

service station ghall-valur ta’ Lm53.60c ghad-dannu ta’ Philip u Jane Gatt minn Hal-Tarxien u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 325 (b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B. Fl-istess lok, data u hin, ikkawza hsara fuq il-vettura ta’ l-ghamla Renault, mudell Clio ta’ lewn griz u li ghandha n-numru tar-registrazzjoni RAS-007 ghall-valur ta’ Lm561.20c ghad-dannu ta’ Jane Gatt minn Hal-Tarxien u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 325 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

C. Fl-istess data, hin u lok, ikkaguna griehi ta’ natura hafifa, kif iccertifika minn Dr. Chris Spiteri MD mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid fuq martu Rita Schembri u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 221 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

D. Barra minn dan akkuzat talli fl-istess cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ ghajjat u glied u dana bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
E. Akkuzat talli fl-istess cirkostanzi qal kliem oxen, indecenti u dagha bi ksur tal-Artikolu 338 (bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-Ligi, tapplika ukoll l-Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta’ ta’ din il-persuna hawn fuq indikati.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta’ Settembru, 2003 (esebit a fol. 20 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-23 ta’ Settembru, 2003 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali datata 25 ta’ Jannar, 2007, fejn l-imputat gie lliberat mill-ewwel, mit-

tieni, mir-raba u mill-hames imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.
Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2009 ghat-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghat-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tat-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghaldaqstant u wara li rat l-Artikolu 221 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tat-tielet (3) akkuza kif minnu ammessa u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommetix reat iehor sa zmien sitt (6) xhur millum.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat b' obbligazzjoni personali taht penali ta' mitejn ewro (€200) milli jimmolesta jew jivvessa lil Rita Schembri ghal zmien tnax (12)-il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------